# Swor Marija Adeodata Pisani O.S.B.

L-istorja ta' din ir-reliġjuza ta' nisel naplitan imma li trabbiet u mietet Malta hija tassew interessanti. Twieldet fis-sena 1806 ġewwa Napli, l-Italja, imma wara ftit taż-żmien, il-familja tagħha kellha tiġi Malta. Mietet fl-1855. Bint familja nobbli u sinjura, Adeodata kellha futur sabiħ. Il-pjan kien li tiżżewweġ u tifforma familja. Ġid ma kienx jonqos u lanqas 'status' fis-soċjetà! Imma le, Alla kellu pjanijiet oħra. Hija ħasset is-sejħa ta' Alla biex tidħol għall-ħajja kontemplattiva ġewwa l-Monasteru Benedittin ta' San Pietru li jinsab fl-Imdina. Qalet le għall-ħbieb, għall-ġiri, għad-dinja. Qalet iva ta' mħabba serja u sabiħa lil min ħabbha sa minn dejjem: lil Ġesù. Ma setax jonqos li Swor Adeodata, ta' kontemplattiva li kienet, ma jkollhiex imħabba speċjali lejn il-Madonna wkoll! Dan jidher ħafna fid-djarju tagħha li jġib l-isem ta' *Ġnien Mistiku tar-ruħ li tħobb lil Ġesù u lil Marija*. Nistgħu ngħidu li l-ispiritwalità ta' Swor Adeodata hija waħda Marjana. Dan id-djarju, infatti, bdietu proprju fis-solennità ta' l-Assunta. Naraw ukoll li l-ħin kollu torbot ħajjitha mal-festi tal-Madonna.

Fil-15 ta' Awissu 1836, hija tikteb hekk: **"F'din l-okkażjoni s-Sinjura tagħna għarrfitni kif ix-xewqa tagħna bla ma taqta' għandha tkun dik li nixtiequ naraw lil Alla"**. Fil-waqt li f'jum il-festa tat-twelid tagħha (8 ta' Settembru) tgħid: **"Illum ... għamilna wegħda li nimitaw fina l-virtujiet tas-Sinjura tagħna, u hekk nittamaw li darba oħra nkunu aħjar"**, filwaqt li fil-Festa tal-isem ta' Marija hija tikteb: **"....f'ġieh il-ħames ittri li jiffurmaw l-isem tagħha - M A R I A - nixtieq li hija tgħinni fil-ħidma li dħalt għaliha biex nikseb il-ħames virtujiet li bihom nagħti qima lil ... Ġesù, jiġifieri l-Umiltà, l-Ubbidjenza, il-Faqar, il-Mortifikazzjoni u l-Imħabba"**.

Lill-Madonna, flimkien ma' Ġesù issejħilhom kemm-il darba **"s-Sidien tiegħi"**. Meta titkellem fuq it-tama, tissokta tgħid: **"Is-siġra taż-Żebbuġ hija xbiha ta' Marija, dejjem tħaddar, għax it-tama tagħha kienet fil-Mulej"**.